

OPINJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' April 2009

dwar il-pjan emendat għar-rimi tal-iskart radjuattiv mill-impjant nukleari ta' Civaux, Franza, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(2009/C 93/02)

Fl-24 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet mingħand il-Gvern ta' Franza, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom, Dejta Ġenerali dwar il-pjan emendat għar-rimi tal-iskart radjuattiv mill-impjant nukleari ta' Civaux.

Abbażi ta' din id-dejta, u wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti, il-Kummissjoni fasslet l-opinjoni li ġejja:

- (1) Id-distanza mill-impjant sal-eqreb punt f'pajjiż ġar, jiġifieri l-gżira ta' Jersey (iċ-Channel Islands, Dipendenza tal-Kuruna Brittanika), hija madwar 360 km. Għall-Istati Membri, id-distanza hija ta' madwar 400 km għal Spanja u madwar 470 km għar-Renju Unit u l-Belġju.
- (2) Il-modifika ppjanata se twassal għal tnaqqis ġenerali fil-limiti għar-rimi ta' gassijiet u likwidi, ħlief għat-tritju likwidu, li għalih hija prevista żieda.
- (3) Matul l-operat normali, il-modifika ppjanata mhix se ġġib magħha esponiment li jista' jolqot is-saħħa tal-popolazzjoni ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż ġar.
- (4) Fil-każ ta' rilaxxi mhux ipplanati ta' tnixxijiet radjoattivi li jistgħu jirriżultaw minn inċident tat-tip u l-livell ta' serjetà meqjusa fid-Dejta Ġenerali oriġinali, il-modifika ppjanata fis-sistema ta' ġestjoni tal-fjuwil mhijiex se twassal għal dożi li jistgħu jolqtu s-saħħa tal-popolazzjoni ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż ġar.

B'konklużjoni, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-implimentazzjoni tal-pjan emendat għar-rimi tal-iskart radjuattiv mill-impjant nukleari ta' Civaux, Franza, kemm fl-operat normali kif ukoll fil-każ ta' inċident tat-tip u l-livell ta' serjetà meqjusa fid-Dejta Ġenerali, mhux mistenni li tirriżulta fit-tniġġis radjuattiv tal-ilma, tal-ħamrija jew tal-atmosfera ta' Stat Membru ieħor jew pajjiż ġar.